**MALTA**

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

**Illum 9 ta' Diċembru, 2016**

Fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1744/16:

**Mark Muscat (ID: 409077M)**

**vs.**

**William Portelli bħala President u Jonathan Bruno bħala Segretarju Ġenerali in rappreżentanza tal-Malta Union of Bank Employees**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat minn **Mark Muscat** (minn issa 'il quddiem "ir-rikorrent") fejn għar-raġunijiet hemmhekk spjegati talab illi:

*"…sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu, jixtieq iżomm lill-intimati Malta Union of Bank Employees u Jonathan Bruno bħala Segretarju Ġenerali u in rappreżentanza tal-istess MUBE milli:*

1) *jipproċedu bil-laqgħa indikata fl-anness Avviż għal "Extraordinary General Meeting" fid-data u ħin imsemmija ta' nhar it-Tlieta, 29 ta' Novembru, 2016, jew f'kull data verjuri, jew milli tissejjaħ laqgħa ohra tal-istess natura u għall-istess skop, u / jew*

2) *jibqgħu jsiru xi negozjati mill-Malta Union of Bank Employees u/jew l-uffiċjali tagħha ma' HSBC Bank Malta p.l.c. li ma jkunux skont il-provvedimenti tal-Istatut jew ir-Regoli viġenti tal-istess Union, u / jew*

3) *jintnefqu xi fondi ossija flus tal-Malta Union of Bank Employees bi ksur tal-provvedimenti tal-Istatut tal-istess Union,*

*qabel ma jiġi żgurat permezz ta' persuni xierqa, bħal avukati jew awdituri indipendenti appuntati mill-Qorti jew mill-Konfederazzjoni tat-Trade Unions f'Malta, li l-Malta Union of Bank Employees hija affiljata magħha u cioè l-Confederation of Malta Trade Unions (CMTU), illi tali laqgħa u l-proċess tal-votazzjoni fuq Mozzjoni speċifika li ġiet mitluba permezz ta' petizzjoni ffirmata u sottoskritta minn `il fuq minn mija u għoxrin (120) membru tal-Union, ikunu in konformità mal-Istatut u Regoli tal-istess Malta Union of Bank Employees, u li l-istess laqgħa u proċess tal-votazzjoni jitmexxew b'mod tali illi tiġi assigurata t-trasparenza kif ukoll proċess demokratiku.'*

Illi fir-Rikors tiegħu r-rikorrent jippremetti ukoll is-segwenti:

*"Sa Mejju tas-sena 2015, ir-rikorrent kien ic-Chairman tal-Kumitat tal-"HSBC MUBE Group Committee".*

*Illi fil-Laqgħa Annwali tal-MUBE li seħħet f'Mejju tas-sena 2015, ir-rikorrent ġie elett u ġie kkonfermat kumitat ġdid. Il-membri tal-kumitat ġew eletti mill-membri tal-HSBC, iżda r-rikorrent u individwu ieħor imlew żewġ nominazzjonijiet vakanti għall-kategorija ta' 'non-clerical' u minflok ġew appuntati fil-kumitat mill-group committee preċedenti kif hemm stipulat fl-Istatut.*

*Illi l-Istatut tal-MUBE jipprovdi li l-kumitat jinnomina liċ-Chairperson u s-Segretarju li jirrappreżentaw l-istituzzjoni tagħhom fil-Kunsill tal-MUBE.*

*Illi nħolqot sitwazzjoni ta' parità bejn żewg kontestanti għall-kariga ta' Chairman u l-kumitat talab lill-Kunsill tal-MUBE sabiex isejjaħ votazzjoni fost il-membri sabiex il-kumitat ikun jista' jiġi ggwidat b'dina l-votazzjoni lil min jinnomina fil-kariga.*

*Illi minkejja dan, il-Kunsill tal-MUBE għażel li jinjora r-rieda tal-kumitat kif ukoll x'jipprovdi l-Istatut tal-MUBE billi qabad u ddeċieda hu lil min jappunta fil-kariga ta' Chairman.*

*Illi wara li ġara dan, u minkejja r-Regoli eżistenti tal-MUBE li jipprojbixxu li jiġu esklużi membri tal-kumitat meta jsiru laqgħat mal-management, il-President tal-MUBE William Portelli beda jeskludi xi individwi, fosthom lir-rikorrent Mark Muscat.*

*Illi l-istess President attenda diversi laqgħat u saħansitra għamel proposti fir-rigward tan-negozjati tal-finanzi għas-sena 2017 tal-ftehim kollettiv lill-management ta' HSBC Bank Malta p.l.c., u dan mingħajr ma kien informa lill-kumitat dwar il-kontenut tagħhom jew ġab il-qbil rikjest mill-istess kumitat.*

*Illi minkejja r-Regoli espressi tal-Union li jgħidu mod ieħor, il-Kunsill tal-MUBE beda jinjora ilmenti magħmula mill-Kumitat jew minn membri individwali fil-kumitat dwar ksur tal-provvedimenti tal-Istatut.*

*Illi l-Kunsill aġixxa b'mod diskriminatorju u abbużiv meta ħa d-deċizjoni li jkeċċi lir-rikorrent mill-Union għal raġunijiet li beda jikkomunika mal-membri dwar x'kien qed jiġri.*

*Illi għalhekk saret petizzjoni billi nġabru l-firem rikjesti, sabiex jittieħed vot ta' sfiduċja fil-President William Portelli u l-kumitat preżenti bil-għan illi ssir elezzjoni oħra u jiġi elett team magħqud u b'hekk jispiċċaw id-diverġenzi li jeżistu fil-preżent.*

*Illi l-Kunsill ħareġ ċirkolari għall-membri fejn esprima l-fiduċja fil-President William Portelli u fil-kumitat hekk kif kompost fil-preżent u għal darb'oħra kkonferma t-tkeċċija irregolari tar-rikorrent Mark Muscat, il-kandidat li qed jikkontestah.*

*Illi minn dan isegwi mingħajr ebda dubju illi l-Kunsill huwa ppreġudikat bil-kbir fil-konfront tar-rikorrent u dawk kollha li jappoġġjawh bħala segwaċi tiegħu, u li minħabba li l-istess Kunsill huwa responsabbli għall-proċess tas-sejħa ta' "Extraordinary General Meeting" u l-votazzjoni fuq il-Mozzjoni fil-petizzjoni, il-proċess kif tpoġġa quddiem il-membri ma jistax ikun wieħed kredibbli u demokratiku kemm-il darba ma jiġux maħturin professjonisti awtonomi u indipendenti sabiex jiżguraw li s-sejħa tal-laqgħa u l-proċess ta' votazzjoni jkunu skont l-Istatut.*

*Illi, barra minn hekk, il-Kunsill ħareġ ċirkolari fejn stqarr illi ħa jagħmel provvedimenti speċjali għal din il-votazzjoni billi jalloka ballot boxes addizzjonali ġo postijiet oħra barra mill-post fejn ikun qed isir l-"Extraordinary General Meeting", u saħansitra biddel il-mozzjoni li ġiet preżentata bil-firem tal-membri u amalgamaha ma' petizzjoni oħra kuntrarja li rċieva mingħajr il-kunsens tal-firmatarji, li fiha 'inter alia' talab li tiġi sanata t-tkeċċija irregolari tal-konkorrent li qed jikkontestah, u ċioè ir-rikorrent Mark Muscat, b'tali mod li dan ma jkunx jista' joħroġ bħala kandidat għal dik l-elezzjoni.*

*Illi l-petizzjoni bil-firem imsemmija hawn fuq saret (1) għaliex William Portelli ilu sittax (16) il-sena jokkupa l-kariga ta' President tal-MUBE, (2) għaliex minħabba l-'power of incumbency' tiegħu, hemm ħafna li qegħdin jibżgħu li qegħdin jintużaw strateġiji mhux*

*xierqa biex jiġi manipulat il-Kunsill minnu biex jinkiseb vantaġġ personali minnu. Bosta membri jridu u jħossu li wasal iż-żmien għal bidla fil-persuna li qed tmexxi.*

*Illi peress li William Portelli ngħata tliet (3) promozzjonijiet minn HSBC Bank Malta p.l.c. kif ukoll 'ad hoc salary review' waqt li kien qed jokkupa l-kariga ta' President, William Portelli qed isibha ferm diffiċli sabiex f'għajnejn il-membri jibqa' jżomm il-kredibilità neċessarja illi huwa verament qed jaħdem fl-interessi tal-imseħbin mal-MUBE.*

*Illi f'għajnejn ħafna mill-membri, William Portelli illum ġustament qed jitqies bħala viċin wisq tal-management tal-Bank għad-detriment tal-membri, u hemm ħafna li qegħdin jilmentaw dwar dan.*

*Illi bħala riżultat ta' din il-bixra tal-affarijiet, il-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-impjegati ta' HSBC Bank Malta p.l.c. ilhom jiddeterjoraw konsiderevolment għal dawn l-aħħar snin, b'paragun mal-kompetitur prinċipali taghhom fis-settur tal-banek.*

*Illi l-Kunsill u uħud mill-membri tal-Kumitat taħt it-treġija ta' William Portelli bħala President u Chairman tal-Kunsill allegatament użaw fondi tal-MUBE bi ksur tar-regoli statutorji u saħansitra appuntaw Teżorier bi ksur tal-Istatut tal-Union fil-passat.*

*Illi jekk l-intimati MUBE u Jonathan Bruno ma jiġux inibiti milli jagħmlu l-ħwejjeġ imsemmija hawn fuq, ir-rikorrent ser isofri ħsara irriversibbli u li ma tkunx tista' titħassar. Konsegwentement, huwa ċar li dan il-mandat huwa meħtieg sabiex dina l-Qorti tipproteġi lir-rikorrent milli jitlef darba għal dejjem id-drittijiet tiegħu. Għalhekk, in vista tal-urġenza għal tali rimedju, ir-rikorrent jitlob ukoll illi dan il-mandat jintlaqa' provviżorjament sabiex id-drittijiet tiegħu ma jiġux elużi.*

*Illi l-esponent ser jiġi gravament ippreġudikat jekk l-intimati ma jiġux inibiti kif ingħad.*

Rat id-digriet tagħha tal-25 ta' Novembru, 2016 li bih laqgħet it-talba provviżorjament, ordnat in-notifika lill-intimati li kellhom sat-30 ta' Novembru, 2016 għar-risposta u appuntat ir-Rikors għas-smigħ għall-1 ta' Diċembru, 2016.

Rat ir-Risposta ippreżentata fit-30 ta' Novembru, 2016 minn **William Portelli bħala President u Jonathan Bruno bħala Segretarju Ġenerali in**

**rappreżentanza tal-Malta Union of Bank Employees** (minn issa 'il quddiem "l-intimati nomine") li tgħid kif ġej:

*"<u>Preliminari</u>*

*1.1 Illi r-rikorrent ma għandux interess ġuridiku li jipproċedi kif ipproċeda stante illi mhuwiex membru tal-union intimata u dan peress illi ġie espuls b'deċizjoni unanima tal-Kunsill ai termini tal-iStatut fit-18 ta' Ottubru 2016 liema deċiżjoni ma ġietx kontestata mir-rikorrent kif kellu dritt jagħmel b'referenza lil Laqgha Ġenerali Straordinarja u kwindi ma għandux dritt (u għalhekk interess ġuridiku) li jikkontesta b'xi mod l-aġir tal-istess union, li hu ta' interess biss lill-membri tal-istess union.*

*1.2 Illi ukoll preliminarjament u mingħajr preġudizzju it-talbiet huma tali illi jirrendu r-rikors null u bla effett stante illi ma humiex ristretti għall-iskop ta' Mandat ta' Inibizzjoni (ċioè "di non fare") iżda jmorru oltre (ċioè billi jintroduċu element "di fare") u dan meta effettivament jittantaw li jitolbu lill-Onor. Qorti tordna li jkun hemm sorveljanza tal-aġir tal-intimati tramite terzi persuni appuntati mill-istess Qorti jew il-Konfederazzjoni tat-Trade Unions Maltin (CMTU).*

*1.3 Illi ukoll preliminarjament u mingħajr preġudizzju it-talbiet 2) u 3) tar-rikorrent huma tant vagi u magħmulin b'mod leġġer illi ma jistgħux jintlaqgħu: kull aġir u infiq fil-kuntest imsemmi bilfors irid dejjem jitqies bħala regolari sa kemm ex post facto u wara skrutinju mill-organi ġa eżistenti fi ħdan l-union intimata jiġu misjuba mod ieħor. Donnu r-rikorrent jassumi illi għaliex hu jdaħħal f'moħħu illi xi aġir mhuwiex ser ikun skont in-normi stabbiliti, għandu xi dritt iwaqqaf tali aġir: dan it-tip ta' forma mentis ma għandux jiġi sopportat minn din l-Onor. Qorti. Inoltre kif ser jintwera aktar 'l isfel, ir-rikorrent jista' għandu aġenda personali li ma għandiex tingħata sostenn minn din l-Onor. Qorti.*

*1.4 Illi wkoll preliminarjament u mingħajr preġudizzju, ir-rikorrent jittanta jagħti l-impressjoni illi hu xi rappreżentant tal-120 ħaddiem illi jsemmi fir-rikors tiegħu (li fi kwalunkwe każ 88 minnhom biss huma membri tal-union intimata) meta ma jġib ebda prova dwar dan u fi kwalunkwe każ, dan il-grupp ta' ħaddiema, anke jekk jeżisti, ma għandux locus standi peress illi mhuwiex xi 'union' jew korp ieħor li għandu rikonoxximent fil-kamp industrijali li għaliha jagħmel referenza r-rikorrent: hemm metodi stabbiliti biex tali status jinkiseb illi r-rikorrent jinjora għal kollox u minnflok jirrikorri għal proċeduri bhal dawn.*

*1.5 Illi wkoll preliminarjament u mingħajr preġudizzju, stante illi bħal kull korp kostitwit ieħor, partikolarment fil-kamp tad-dritt privat, l-union intimata għandha proċeduri ta' awditjar u governanza li bihom kull kwistjoni tista' tiġi riżolta, u dejjem*

*hemm il-fatt illi kull kwistjoni simili għandha tiġi mqajjma quddiem il-korp tal-membri dejjem skont il-proċeduri appożiti (li fil-fatt il-grupp li għalih jagħmel referenza ir-rikorrent ma kienx konformi magħhom lanqas meta talab il-Laqgħa Ġenerali Straordinarja li jirreferi għaliha) kwistjonijiet bħal dawn ma għandhomx jiġu riżolti mill-Qrati iżda internament bil-proċeduri appożiti.*

*1.6 Illi wkoll preliminarjament u mingħajr preġudizzju, r-rikorrent ma għandux interess materjali x'jipproteġi, kemm għaliex mhuwiex membru tal-union kif ġa ngħad kif ukoll għaliex ma jitlef u ma jiggwadanja xejn minn dak li qed jitlob li jiġi mwaqqaf milli jiġri.*

2. <u>Mertu</u>

*2.1 Illi fuq il-mertu, dejjem mingħajr preġudizzju, jingħad kif ġej.*

*2.2 Illi dak li jasserixxi dwar l-aġir tal-intimati fil-kuntest tal-Group Committee tal-HSBC u fil-kuntest tan-negozjati mal-HSBC mhuwiex minnu u l-Kunsill tal-Union stess dejjem mexa skont l-iStatut u dejjem kien infurmat dwar, u qabel mal-aġir tal-uffiċjali, fosthom il-President, fil-kors tax-xogħol tagħhom.*

*2.3 Illi fi kwalunkwe kaz, kif ġa muri, hemm organi maħsuba fl-iStatut li jiżguraw konformità li dejjem jistgħu jiġu invokati jekk ikun il-każ. Ir-rikorrent, għandu jingħad, fiż-żmien li kien membru tal-Kunsill hu stess kien au courant ta' kollox u f'numru kbir ta' okkażjonijiet qabel mal-aġir u fejn ma qabilx kellu kull opportunità li jagħmel użu mill-organi maħsuba fl-iStatut.*

*2.4 Illi għal dak li jirrigwarda negozjati ma' kull bank, u mhux biss l-HSBC, huma l-membri li jitlaqqgħu apposta li jkollhom l-aħħar kelma, mhux kif jipprova jagħti l-impressjoni r-rikorrent.*

*2.5 Illi dak li jasserixxi r-rikorrent dwar il-mozzjoni ta' sfiduċja ukoll mhuwiex minnu, peress illi kontestwalment mal-petizzjoni li jirreferi għaliha, li peress illi mhuwiex membru lanqas ma seta' jiffirmaha, saret mozzjoni ta' fiduċja mill-Kunsill wara li rċeviet petizzjoni ta' aktar minn 150 membru u peress illi ż-żewġ mozzjonijiet huma ovvjament naħat opposti tal-istess munita, ġie deċiż illi titpoġġa mozzjoni waħda li tilħaq l-għan taż-żewg talbiet, miżura prattika li ma itellef xejn lil ħadd.*

*2.6 Illi għal dak li jasserixxi r-rikorrent illi l-mozzjoni ta' "sfiduċja" nbidlet, dan ukoll mhux minnu, peress illi li ġara kien illi dak kollu fil-petizzjoni li jirreferi għaliha li ma kienx konformi mal-iStatut (ċioè kif għandu jitmexxa l-vot sussegwenti meta u jekk il-mozzjoni tgħaddi) tneħħa, peress illi l-iStatut jipprovdi dwar kif għandu jkun hemm votazzjoni għal uffiċjali jekk ikun il-każ u għalhekk minnflok ma ġiet mwarrba*

*l-petizzjoni kollha bħala "ultra vires" ġie mogħti effett lill-punt kardinali, dak dwar il-fiduċja o meno tal-membri fil-President u l-Group Committee tal-HSBC.*

*2.7 Illi għal dak li jasserixxi r-rikorrent dwar il-proċeduri għall-vot fuq il-mozzjoni, din hi proċedura li ntużat qabel u intiża biex tagħti lok għal vot mill-aktar wiesgħa fost il-membri tal-Union. Hi prassi, per eżempju, li membri tal-Union f'Għawdex jivvotaw qabel u al menu darba qabel (fl-2007) kien hemm votazzjoni "ġenerali" li bdiet qabel il-Laqgħa Ġenerali.*

*2.8 Illi fi kwalunkwe każ, l-Union intimata kienet biss qed tagħti effett għal dak mitlub minn diversi membri li ma kienx konvenjenti għalihom li jattendu, u del resto l-petizzjoni li għaliha jagħmel referenza r-rikorrent stess ukoll tagħmel referenza għal votazzjoni f'ħinijiet komparabbli ma' dawk proposti mill-intimati.*

*2.9 Illi l-asserzjonijiet ad hominem fl-ewwel ħames paragrafi tal-aħħar paġna tar-rikors huma għal kollox barra minn lokhom u maħsubin biex ipoġġu lil min jissemma fihom f'dawl ħażin u f'dan ir-rigward qed jiġu riżervati d-drittijiet kollha spettanti lil min hu hemm msemmi.*

*2.10 Illi fil-fatt, hu f'loku li jingħad illi r-rikorrent jista' għandu aġenda personali li jattakka lill-President tal-Union, anke jekk biss b'asserzjonijiet inveritieri u senzazzjonalisti, peress illi l-istess rikorrent korrentement għandu kawża personali għaddejja mal-HSBC u hu ċar illi jekk jirnexxielu - anke b'mezzi bħal dawk li għażel illi jirrikorri għalihom preżenzjalment - jieħu xi forma ta' kontroll tal-MUBE, ikollu arma potenti li jista' jagħmel użu minnha fl-interess personali tiegħu.*

*2.11 Illi b'elezzjoni għall-karigi fi ħdan l-MUBE li ser issir f'xi sitt xhur oħra, ir-rikorrent seta' (kieku għażel li jimxi skont l-iStatut) jikkontesta, iżda l-istess rikorrent jidher li jippreferi jagħmel użu minn attakki bħal ma rrikorra għalihom biex jikseb xi vantaġġ, għajr illi dak li kellu jagħmel, ċioè jikkontesta l-espulsjoni tiegħu mill-MUBE permezz ta' talba għal Laqgħa General Straordinarja skont l-iStatut ma dehrlux li kellu jagħmlu.*

*2.12 Illi dan it-tgħajjir da parti tar-rikorrent fl-umli sottomissjoni tal-intimati għandu jitqies bħala abbuż mill-proċess ġudizzjarju u għandhom jittieħdu l-passi f'dan ir-rigward.*

*2.13 Illi għal dak li jasserixxi r-rikorrent dwar infiq u vjaġġar, għal kull buon fini jingħad illi kull infiq gie debitament verifikat bil-process ta' awditjar intern u għal dak li jirrigwarda vjaġġar, dan kien kollu fuq xogħol tal-union. Dwar l-insinwazzjonijiet dwar promozzjonijiet u r-relazzjoni mal-HSBC, dawn għandhom jiġu ttrattati "with contempt" kif igħid l-Ingliż, speċjalment meta hu ċar illi l-promozzjonijiet li ngħataw kienu dovuti minħabba "job evaluation" fuq bażi ġenerali mill-HSBC u ovvjament mhux bħala xi "quid pro quo" kif jinsinwa żlejalment ir-rikorrent.*

*2.14 Illi fi kwalunkwe każ dawn l-allegazzjonijiet għandhom jiġu injorati għal kollox minn din l-Onor. Qorti peress illi ma hemmx provi dwar dan (anzi, jista' jerġa' jingħad illi l-aġir tal-President William Portelli kien dejjem u jibqa' soġġett għall-iskrutinju tal-Kunsill u l-Laqgħa Ġenerali) u peress illi l-aġir tar-rikorrent, illi jużufruwixxi ruħhu minn proċeduri ġudizzjarji biex jitfa' t-tajn u jkun sensazzjonalist fil-kuntest tal-interess personali tiegħu kif indikat hawn fuq, apparti li hu kondannabbli, ma għandux jingħata konfort mill-Qorti.*

*3. <u>Konklużjoni</u>*

*3.1 Illi minn dak espost hawn fuq, jidher ċar illi għad-diversi raġunijiet imsemmija, fosthom illi r-rikorrent ma għandu ebda dritt li jistħoqq illi jiġi protett, stante illi ma għandux interess ġuridiku, ma għandux locus standi, ma weriex xi kondotta jew aġir da parti tal-intimati li hi bi ksur ta' xi liġi jew mod ieħor tilledi xi dritt tar-rikorrent u fi kwalunkwe każ, kull aġir, deċiżjoni jew kondotta tal-intimati kienet u għada u tibqa' soġġetta għall-iskrutinju tal-organi interni tal-union li għandhom il-poter jibdlu jew iħassru kull deċiżjoni jew miżura.*

*Għaldaqstant ma jistax jingħad illi prima facie (jew mod ieħor) ir-rikorrent wera li għandu r-raġunijiet meħtieġa għall-ħruġ tal-mandat mitlub u r-rikors għandu jiġi miċħud definittivament u d-digriet provviżorju imħassar contrario imperio bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.*

Semgħet ix-xhieda imressqa mill-kontendenti.

Rat l-atti kollha tar-Rikors, inkluż il-provi dokumentali mressqin mill-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tal-1 ta' Diċembru, 2016, f'liema data l-Qorti ħalliet ir-Rikors għall-provvediment.

**Ikkunsidrat:**

**Konsiderazzjonijiet legali**

Illi skont l-Artikolu 873(1) tal-Kap.12, l-iskop ta' Mandat ta' Inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.

Illi skont l-Artikolu 873(2) tal-Kap. 12, il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet.

Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tlett presupposti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni:

(1) ikun sejjer isir xi att li jista' jkun ta' preġudizzju ta' xi jedd tar-rikorrent: il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, l-hekk imsejjaħ *periculum in mora.*

(2) iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jiġi mħares dan il-jedd: tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-Artikolu 873, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta' preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd *prima facie* tar-rikorrenti, l-grad ta' preġudizzju rikjest bħala bażi ta' akkordar ta' ħruġ ta' mandat, hu preġudizzju "li ma jkun jista' jiġi irrimedjat". Irid jingħad ukoll jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.

Apparti minn dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċjoè telf ta' qliegħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-digriet finali fl-ismijiet **Francis Barbara et vs. Carmelo Barbara** et deċiża fit-13 ta' Mejju, 2014, per Onor. Imħallef J.R.Micallef:

> "Tqis illi huwa ukoll miżmum li il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax ġeneralment fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi".

(3) <u>ikun jidher *prima facie* li r-rikorrent għandu dak il-jedd:</u> il-liġi tħares il-jedd *prima facie* bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk *prima facie*, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il-prova tal-jedd *prima facie*, l-Qorti tal-Appell, fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Lulju, 1988 fil-kawża **Sonia Grech pro et noe vs. Stephanie Manfré** (Kollez. Vol. LXXII.II.295) irriteniet is-segwenti:

> "... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru *prima facie*, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."

Illi jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħrug tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż hux suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijet oġġettivi tal-liġi.

Illi kull ma hu meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, li jkun hemm *fumus boni iuris*. Huwa loġiku li billi l-mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun, il-mandat jinħareġ favur dak li "jidher" (fi kliem l-istess liġi) mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun. Jiġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretenzjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibbiltà u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretenzjoni jkollha probbabilità kbira li tintlaqa'. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija ntiża sabiex tkun sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretenzjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.

Mal-imsemmija tlett elementi espliċitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza:

(4) <u>Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali.</u> Ara **Charles Mugliett vs. Saviour Bonnici** mogħti fil-25 ta' Jannar, 2005 per Imħallef Joseph R. Micallef :

> "il-ħarsien li l-liġi qegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-

> fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat."

(5) "Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħiel *(arm twisting)* lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqgħax għodda li tħares il-jedd *prima facie* tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lil parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din." Ara **Avukat Dr John Gauci vs. Direttur tal-Kuntratti**, Prim Awla, 18 ta' Lulju, 2008.

(6) Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.

Applikati għall-proċeduri odjerni dawn il-prinċipji legali elaborati fil-ġurisprudenza tal-qrati tagħna:

Illi sabiex jikkawtela il-pretensjonijiet ta' dritt tiegħu, ir-rikorrent qiegħed ifittex permezz tat-talba tiegħu għal ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, illi jżomm lill-intimati nomine milli *inter alia* "jipproċedu bil-laqgħa indikata fl-Avviż anness għal *Extraordinary General Meeting* fid-data u ħin imsemmija ta' nhar it-Tlieta, 29 ta' Novembru, 2016, jew f'kull data verjuri, jew milli tissejjaħ laqgħa oħra tal-istess natura u għall-istess skop". Ir-rikorrent fir-Rikors tiegħu jgħid illi permezz tal-Mandat jixtieq iżomm lill-intimati nomine milli jipproċedu bil-

laqgħa indikata fl-Avviż anness mar-Rikors, għad li mar-Rikors ma kien hemm l-ebda avviż anness. Il-Qorti qiegħda tippreżumi illi l-avviż inkwistjoni huwa dak li kien esebit waqt li kien qed jagħti x-xhieda tiegħu ir-rikorrent (Dok. MM9)[1], li jgħid kif ġej:

*MUBE Extraordinary General Meeting*

*Tuesday 29th November, 2016*

*Corinthia Palace Hotel Attard*

*16.00 hrs*

*Last week Council met to discuss two petitions received recently by the General Secretary, both calling for an EGM. Both petitions were discussed and legal advice was taken. In respect of one of the petitions, it was established that it went beyond the provisions of the Statute, in that it sought to impose a procedure that would follow the passing of the resolution, a procedure that was already contemplated in the Statute. The other petition contained aspects that did not need to be referred to an EGM.*

*In order not to delay the presentation of the underlying matter to the EGM, Council has decided to consolidate the essential elements of both petitions into one motion being presented to the membership as below. Council was advised that since a Confidence a No Confidence Vote are essentially the same in principle in that they call for an expression of confidence or otherwise, the wording is sufficient for this purpose.*

*The motion to be proposed reads as below:*

*Motion*

*The EGM resolves that Members of MUBE, by secret ballot be requested to express their confidence in the President William Portelli and the current HSBC MUBE Group Committee members and for all intents and purposes endorse the recent unanimous decision taken by the MUBE Council with regards to the dismissal of Mr. Mark Muscat and Mr. Claude Cremona Gabriele.*

[1] A fol. 63

*VOTE*

*YES : I AGREE WITH THE MOTION* ____

*NO : I DISAGREE WITH THE MOTION* ____

*Voting will take place at the Corinthia Palace Hotel during the EGM and, in accordance with past practice, we are also making arrangements to have a ballot box made available in central locations. The details will be communicated as soon as arrangements are finalised.*

*Jonathan Bruno*
*General Secretary*
*22nd November 2016.*

Ir-rikorrent għalhekk kellu jipprova fuq bażi *prima facie* id-dritt jew pretensjoni ta' dritt li qiegħed ifittex illi jikkawtela permezz tal-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni. Ċertament mhijiex il-funzjoni ta' Qorti illi tintrometti fi kwistjonijiet purament interni ta' ebda organizzazzjoni ġuridika bħal m'hija *trade union sakemm* ma jkunux jeżistu sitwazzjonijiet ta' leżjoni potenzjali ta' xi dritt sanċit mil-liġi. Il-Qorti hija tal-fehma li ħafna mill-kwistjonijiet imqanqla mir-rikorrent fir-Rikors tiegħu jeżorbitaw 'il barra minn din l-funzjoni tal-Qorti 'il għaliex kwistjonijiet bħal dawn għandhom ikunu ittrattati mill-organi kompetenti tal-istess organizzazzjoni li fl-aħħar mill-aħħar huma suġġetti għall-iskrutinju tal-membri imseħbin fl-istess organizzazzjoni.

Illi l-mod kif tiġi regolata l-proċedura waqt laqgħa ġenerali straordinarja, il-mod kif żewġ petizzjonijiet miġbura minn membri differenti tal-MUBE ġew amalgamati f'mozzjoni waħda u l-modalitajiet li bihom issir il-votazzjoni fuq tali

mozzjoni, huma kollha kemm huma kwistjonijiet interni tal-Union li jaqgħu fil-mansjonijiet leġittimi tad-diriġenza tal-istess Union u suġġetti għall-iskrutinju tal-imseħbin tagħha. Tqis ukoll illi lanqas m'hija il-funzjoni ta' din il-Qorti li tidħol fi kwistjonijiet interni bħal kif għandhom isiru n-negozjati mill-Union mal-*management* u minn jipparteċipa fihom, fi kwistjonijiet ta' *lobbying* u ta' lotta interna bejn kurrenti differenti fi ħdan l-istess organizzazzjoni bħal jekk id-diriġenti attwali tal-union humiex qegħdin jużaw *"il-power of incumbency"* tagħhom a skapitu ta' dawk li jixtiequ jidħlu minn flokhom, jew jekk xi diriġent attwali tal-Union huwiex fil-perċezzjoni ta' uħud mill-membri tal-istess union meqjus li hu affjatat wisq mal-*management* ta' xi post tax-xogħol partikolari.

Il-Qorti tqis li dawn huma kollha kwistjonijiet interni tal-Union li ħadd ħlief l-organi kompetenti tal-Union u l-membri mseħbin fl-organizzazzjoni m'għandu jidħol fihom.

Tqis ukoll illi l-addebitu tar-rikorrent illi qegħdin "jintnefqu xi fondi ossija flus tal-Malta Union of Bank Employees bi ksur tal-provvedimenti tal-Istatut tal-istess Union" ma ġiex ippruvat imqar fuq livell *prima facie*.

Tgħaddi biex tqis fl-aħħarnett dik il-parti tal-imsemmija mozzjoni li tittratta direttament dwar it-tkeċċija tar-rikorrent mill-MUBE fejn il-membri tal-istess Union intalbu sabiex *"for all intents and purposes endorse the recent unanimous decision taken by the MUBE Council with regards to the dismissal of Mr. Mark Muscat and Mr. Claude Cremona Gabriele".*

Tqis illi din il-parti speċifika tal-mozzjoni għandha l-iskop li tagħlaq darba għal dejjem il-kapitolu dwar it-tkeċċija mill-MUBE tar-rikorrent u ta' Mr. Claude Cremona Gabriele billi titlob il-konferma ta' din it-tkeċċija mill-*Extraordinary General Meeting* tal-membri tal-MUBE.

Tqis fuq bażi *prima facie* illi din il-parti tal-mozzjoni tista' tkun leżiva tad-drittijiet legali tar-rikorrent mhux biss għax l-imsemmija mozzjoni torbot il-kwistjoni tat-tkeċċija tar-rikorrent mill-MUBE mal-kwistjoni tal-fiduċja jew in-nuqqas ta' fiduċja fil-President tal-Union William Portelli u fil-membri attwali tal-HSBC Group Committee tal-MUBE u b'hekk tikkonfondi u tħallat kwistjoni ma' oħra, imma fuq kollox għax ir-rikorrent ma ngħatax avviż xieraq bil-miktub mill-Kunsill tal-MUBE li jiddikjara r-raġunijiet allegati għal dik it-tneħħija u jagħti opportunità raġonevoli lir-rikorrent biex jiddefendi lilu nnifisu u jirribatti l-allegazzjonijiet kontrih. (Ara ukoll l-Artikoli 7 u 8 tat-Tieni Skeda tal-Kodiċi Ċivili fuq Organizzazzjonijiet Ġuridiċi).

Tqis illi l-email imsemmija fix-xhieda tas-Segretarju-Ġenerali tal-MUBE Jonathan Bruno[2] mibgħuta lir-rikorrent fis-17 ta' Ottubru, 2016 mingħajr *delivery report* u li ma ġietx segwita permezz ta' ittra reġistrata, ma kienetx tagħti avviż xieraq bil-miktub lir-rikorrent fejn kellhom ikunu dikjarati r-raġunijiet allegati għat-tneħħija tiegħu u li kellu jagħtih opportunità raġonevoli biex jiddefendi lilu nnifsu u jirribatti l-allegazzjonijiet kontrih.

Tqis għalhekk illi dik il-parti tal-mozzjoni li tirreferi direttament għat-tneħħija tar-rikorrent mill-Union intimata tista' twassal biex ir-rikorrent isofri preġudizzju irrimedjabbli.

**Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi:**

**Tilqa' it-talba għall-ħruġ tal-Mandat limitatament għar-rigward ta' dik il-parti tal-mozzjoni (Dok. MM9) kif imressqa għall-konsiderazzjoni tal-*Extraordinary***

[2] A fol. 86

***General Meeting* tal-MUBE li tagħmel riferiment direttament għat-tneħħija tar-rikorrent mill-Union intimata; u**

**Tħassar *contrario imperio* d-digriet tagħha tal-25 ta' Novembru, 2016, safejn kienet laqgħet provviżorjament it-talba tar-rikorrent fl-intier tagħha.**

**Bl-ispejjeż ta' dan il-Mandat jitħallsu terz mir-rikorrent u żewġ terzi mill-intimati nomine.**

Mogħti kameralment illum l-Ġimgħa, 9 ta' Diċembru, 2016.